MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2008

Numru. 8/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa)**

**vs**

**Bryan Tony Attard ta’ 31 sena, bin Anthony u Frances nee’ Azzopardi,
imwieled Manhattan, New York, fl-Istati Uniti ta’ L-Amerka, fid-9 ta’ Mejju, 1976 u residenti f’ ‘Goldfinch’, Triq il-Madonna ta’ Lourdes, Nadur, Ghawdex, detentur
tal-karta tal-identita’ numru 20001(L)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra ’l fuq imsemmi Bryan Tony Attard li gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fis-27 ta’ Novembru 2007 u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li

gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil-hanut ***Virtual World*** fi Triq it-Tlettax ta' Dicembru, Nadur, Ghawdex, xjentament qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe' optical diskettes konsistenti f'DVDs;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, ghal qligh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-Ligi ta' Malta jew tahtha;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-ogetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkomtemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 4 ta' Jannar, 2008;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat illum stess liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien ragonevoli jikkunsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni maghmula mill-imputat fis-seduta tal-lum u fid-dawl tad-dokument esebiti, il-Qorti ma

tistax hlief issibu hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi dwar piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, il-fatt illi kkolabora mal-Pulizija fl-investigazzjonijiet taghha u li ddispjacieh ghal dak illi ghamel. Inoltre l-imputat ghandu fedina penali nadifa;

Ghaldaqstant il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi billi wara li rat l-Artikolu 298 (1) (f) u 298 B tal-Kapitolu 9, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonjiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum;

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta kundizzjonata;

Il-Qorti qed tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tad-dokument H esebit f'dawn il-proceduri u ghal dan il-ghan qed tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex tiehu hsieb taghmel dan.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------